MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 191/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

John Borda

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fil-fond sitwat gewwa Triq Hal-Luqa, limiti tal-Marsa nhar id-19 ta' Dicembru, 2005 matul il-gurnata u fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita' tieghu ta' persuna li thaddem, naqas milli jhares is-sahha w sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigi affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskju jigu ridotti kemm huwa ragonevolment**

**prattiku u dan ai termini tal-artikolu 6 (1) u (20) tal-Att 27/2000;**
**2) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqas mid-dmir tieghu bhala persuna li jhaddem u ta’ kull persuna li jhaddem ghal rasha, li jaghmel jew li jizgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha w s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol, u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji tas-sahha w s-sigurta’ tal-haddiema u ta’ persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha w s-sigurta’ ta’ persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta’ A.L. 36 tal-2003;**
**3) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna li jhaddem, naqas milli jipprovdi u jizgura li jkun hemm, taht il-kontroll tieghu, fil-hinijiet kollha, sinjali ta’ sahha u/jew ta’ sigurta’ kif imiss u xierqa w f’dawk il-kazijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b’teknikalitajiet ghal harsien kollettiv, jew b’mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta’ twahhil ta’ sinjali xierqa, u dan bi ksur tal-artikolu 4(1) ta’ A.L. 45 tal-2002;**
**4) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna li jhaddem, naqas milli jara li b’mod generali izomm fil-post tax-xoghol u f’kull makkinarju w apparat uzat fuq il-post tax-xoghol livell adegwat ta’ igjene u ndafa ai termini tal-artikolu 5(1)(ii) ta’ A.L. 44/2002;**
**5) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuna li jhaddem, naqas mid-dmirijiet generali tieghu li jizgura s-sahha u s-sigurta tal-haddiema f’kull zmien u f’kull aspett li ghandu x’jaqsam max-xoghol billi jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg, u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi waqt li**

**jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u billi naqas milli jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u billi jizgura l-grad ta' "standards" ta' sahha w sigurta' mehtiega u dan ai termini tal-artikoli 4(1)(2)(3) u 5(1)(i)(ii)(iii);**
**6) kif ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqas li jara li kull boiler installat f'post tax-xoghol taht il-kontroll tieghu, u cioe' l-istabiliment hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba f'kull tnax il-xahar u jibghat kopja ta' dan ic-certifikat lil Awtorita' kompetenti u dan ai termini tal-A.L. 34/76.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Att 27/200, Kapitolu 27, l-Artikolu 10 (1) tal-A.L. 36/2003, l-Artikolu 4(1) tal-Avviz Legali 45/2002, l-Artikolu 5(1)(ii) tal-A.L. 44/2002, l-Artikolu 4(1)(2)(3) u 5(1)(i)(ii)(iii), kif ukoll l-A.L. 34/76, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundanatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata u konsegwentement ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li ma jirrizultax li saret x' ispezzjoni fid-data indikata fl-akkuza w ghalhekk ma jirrizultax jekk fid-19 ta' Dicembru, 2005, kienx hemm l-allegati vjolazzjonijiet jew le. 2. Li mill-provi jirrizulta li n-negozju lamentat kien qed jigi gestit minn fond go 6, Valletta Road, Marsa w mhux minn fond gewwa Triq Hal Luqa limti tal-Marsa kif erronjament indikat fl-**

**akkuza. 3. Li rrizulta li l-fond kien qed jithaddem minn missier l-imputat appellant u hu w l-haddiema l-ohra kollha huma impjegati tal-istess Anthony Borda missier l-appellant, kif jidher ukoll mit-Trading Licence. Ghalhekk l-appellant ma jistax jinsab responsabbli ghax ma jaqax taht id-definizzjoni ta' *"employer*". 4. li l-tghollija tax-xaham bl-ebda mod ma tista' tigi kunsidrata bhala ta' perikolu ghas-sahha tal-impjegati jew tal-persuni li jiffrekwentaw l-istabbiliment u ghalhekk tali attivita' ma tistax tigi meqjusa bhala li qeghdha in kontravvenzjoni tad-diversi artikoili tal-ligi indikati fl-akkuza.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Li wara li din il-Qorti ezaminat il-fatti u meta ghaddiet biex tezamina d-dispozizzjonijiet tal-ligi li tahtom l-appellant instab hati, mal-ewwel iltaqghet ma diffikolta'. Dan ghaliex meta l-Ewwel Qorti giet biex ticcita l-artikoli li tahthom sabet htija kif kienet obbligata li taghmel skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, sabet li fl-ewwel lok gie citat l-artikolu 6 (1) u (2) tal-Att 27/200, Kapitolu 27. Issa hu ovvju li r-riferenza kellha tkun ghall-Att numru XXVII tas-sena 2000 u mhux 200.**

**Inoltre dan l-Att gie indikat bhala li hu l-Kapitolu 27 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' l-Att XXVII tas-sena 2000, u cioe' l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, mhux il-Kapitolu 27 imma l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhek ma hemmx**

**dubju li fis-sentenza appellata giet citata ligi hazina w li ma tezistix.**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**" [3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghalhekk dan in-nuqqas ravvizat mill-Qorti fis-sentenza appellata certament jirrendiha nulla.**

**Il-Qorti ma tistax ma tosservax pero' li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti x' aktarx giet indotta f' dan l-izball mill-istess prosekuzzjoni li fic-citazzjoni ndikat il-ligi li tahtha kienet qed takkuza bl-istess mod zbaljat. Illi**

**dan qed jigri ta' spiss wisq u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati taghmel sew jekk ma tistriehx fuq l-artikoli tal-ligi indikati lilha mill-Prosekuzzjoni imma tivverifika hi stess akkuratament taht liema ligi jew ligijiet ikunu qed isiru l-akkuzi w taht liema ligijiet hi tkun qed issib htija. Dan jidher li ma garax f' dan il-kaz.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------